**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju 2019**

Numru: 34

**Rikors Nru. 471/2019**

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri Diacono**
**bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tal-bank esteru**
**Norddeutsche Landesbank - Girozentrale ta' Hannover,**
**il-Germanja (gia Bremer Landesbank Kreditanstalt**
**Oldenburg - Girozentrale)**
**vs**
**Il-Bastiment "HHL RIO DE JANEIRO" (IMO 9424546)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tas-16 ta' Mejju 2019 li jghid hekk:

Illi l-esponent Avukat Dottor Jotham Scerri Diacono jirrapprezenta l-bank esteru Norddeutsche Landesbank - Girozentrale ta' Hannover, il-Germanja u dan bis-sahha tal-prokura datata 27 ta' Dicembru 2018 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument A';

2. Illi s-socjeta Hansa Heavy Lift UG (haftungsbeschränkt) & Co. KG MS "HHL Rio de Janeiro" ta' Hamburg, il-Germanja, proprjetarja tal-bastiment intimat, hija debitrici u ghandha taghti lill-bank rikorrent is-somma komplessiva ta' sitta u tletin miljun, sitt mija u sitt elef, tliet mija u disghin dollari amerikani ($36,606,390) illi, skont ir-rata ta' skambju tat-8 ta' Frar 2019 (Id-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali hawn isfel imsemmija Dok. D) huma ekwivalenti ghal tnejn u tletin miljun, mija tmienja u ghoxrin elf, sitt mija sitta u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€32,128,696.38), salv imghax u spejjez, u dan kif ikkonfermat minn Tobias Palm, ufficjal tal-bank rikorrent, permezz ta' affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B';

3. Illi l-imsemmi dejn dovut lill-bank rikorrent huwa secured ossija iggarantit jew ikkawtelat permezz ta' zewg mortgages cioe zewg ipoteki navali rregistrati a favur il-

bank rikorrent fuq il-bastiment intimat - u dan kif jirrizulta minn transcript ossija traskrizzjoni tar-registru tal-bastiment intimat datat tminja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ufficjalment mahrug mir-Registratur tal-Bastiment Germaniz u li kopja awtentikata tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument C' [Fiz-zmien meta inghata s-self de quo, il-bank rikorrent kien jismu Bremer Landersbank Kreditanstalt Oldernburg - Girozentale u dan kif jirrizulta mill-parir tad-ditta ta' avukati Watson, Farley & Williams tal-5 ta' Frar, 2019 (Dok. JSD5 anness mal-ittra ufficjali - Dok. D)];

4. Illi minkejja li l-bastiment intimat u s-socjeta propjretarja tieghu gew interpellati kemm bonarjament kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali (Att Nru: 485/2019) datata tmienja (8) ta' Frar, sena elfejn u dsatax (2019) u debitament notifikata fl-istess guranata u cioe (8) ta' Frar, tas-sena elfejn u dsatax 2019 sabiex ihallsu d-dejn dovut lill-bank rikorrent, dawn xorta wahda baqghu inadempjenti;

5. Illi f'imsemmija ittra ufficjali, li kopja legali taghha qed tigi hawn annessa u immarkata bhala Dokument D, saret referenza u spjegazzjoni dettaljata tal-kuntratti (bejn sid il-bastiment intimat u l-bank rikorrent) illi permezz taghhom gie ikkrejat id-dejn de quo u gew irregistrati l-mortgages hawn imsemmija u allura, a skans ta' ripetizzjoni inutili, tali spjegazzjoni mhijiex sejra terga' tigi irripetuta hawn salv illi dak illi nghad fl-istess ittra ufficjali u d-dokumenti annessi (JSD1 sa JSD8) ghandhom jitqiesu illi jifformaw parti integrali mar-rikors odjern;

6. Illi irid jinghad illi l-imsemmija ittra ufficjali tat-tmienja (8) ta' Frar, sena elfejn u dsatax (2019) saret ukoll sabiex l-imsemmija "mortgages" jigu rezi ezegwibbli ai termini tal-Artikolu 253 et sequitur ta’ Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u hekk sehh;

7. Illi l-bastiment intimat jinsab milqut b'mandat ta' arrest numru 123/2019 mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet premessi - liema mandat ta' arrest gie maqlub minn wiehed kawtelatorju ghal wiehed ezekuttiv permezz ta' nota ipprezentata fil-14 ta' Frar 2019 fl-atti tal-istess mandat u li taghha hadet konjizzjoni dina l-Qorti fil-14 ta' Frar 2019; l-istess mandat ta' arrest huwa in vigore fid-data tal-prezentata tar-rikors odjern;

8. Illi huwa fl-interess tal-bank rikorrent u anke tal-kredituri kollha illi ghandhom xi forma ta' pretensjoni fuq il-bastiment intimat illi dan jinbiegh sabiex inter alia ma jkomplux jakkumulaw l-ispejjez fuq l-istess bastiment u in vista tal-fatt illi kull ma jmur l-istat tal-bastiment sejjer ikompli jiddeterjora u allura l-valur tieghu sejjer dejjem jibqa' jonqos a skapitu tal-bank u l-kreditur kollha. Kien ghalhekk il-bank rikorrent, in vista ta' dejn sostanzjali dovut lilu u anke in vista tal-fatt illi ghandu favurih l-imsemmija zewg mortgages irregistrati fuq l-istess bastiment intimat, ha l-briga sabiex jara jekk jista' jsib xerrej interessat jixtri l-bastiment intimat sabiex ir-rikavat minn dak il-bejgh mbaghad iservi sabiex jaghmel tajjeb ghad-dejn tal-bank u tal-kredituri l-ohra skond il-ligi;

9. Illi l-Bank rikorrent irnexxielu jsib xerrej illi huwa lest jixtri l-istess bastiment diment illi tinaghta l-approvazzjoni ta' dina l-Qorti. Ix-xerrej hija s-socjeta estera BV Firnzanten Parkgracht ta' Radarweg 36, Amsterdam, l-Olanda. Infatti, fit-tlettax (13) ta' Mejju 2019 sar ftehem ossija Agreement of the Court Approved Sale of the
HHL Rio de Janeiro mal-istess xerrej dwar ix-xiri tal-istess bastiment kif sejjer jigi spejgat izjed il-quddiem f'dan ir-rikors;

10. Illi l-bank rikorrent jixtieq, ai termini ta' Artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili 'Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghal-vapuri, bastimenti u ingenji ohra', jezegwixxi u jenforza l-imsemmija mortgages illi ghandu favurih irregistrati fuq il-bastiment intimat, stante li tali mortgages huma titolu ezekuttiv u gew rezi ezegwibbli. B'dan l-ghan, il-bank rikorrent jixtieq li dina l-Onorabbli Qorti tapprova l-bejgh privat tal-istess bastiment intimat;

11. Illi ai termini ta' Artikolu 359 tal-Kap. 12, l-esponent nomine qieghed jipprezenta ma' dan l-istess rikors zewg stimi (ta' stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali) b'indikazzjoni tal-valur fis-suq prezenti u attwali tal-bastiment intimat. Wara l-investigazzjoni rispettiv taghhom, l-istimaturi stmaw l-bastiment intimat hekk:
i. Toepfer Transport taw stima kurrenti ta' bejn disa' miljun Dollaru Amerikan, seba' mija u hamsin dollaru Amerikani (USD $9,750,000) u ghaxar miljun dollaru Amerikani, seba' mija u hamsin (USD $10,750,000) kopja ta' liema stima qeghda hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument E' (Circa bejn tmien miljuni u seba' mitt elf ewro u disa' miljun ewro u sitt mitt elf ewro bir-rata ta' skambju tal-lum);
ii. SK Maritime Surveys and Expertise Ltd fejn l-Ing. Sergey Kuzmenko ta' stima kurrenti ta' bejn tmien miljun ewro, u hames mitt elf (€8,500,000) u disa' miljun ewro u erba' mitt elf (€9,400,000) kopja ta' liema stima qeghda hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument F';

12. Illi f'tentattiv sabiex jinstab l-ahjar prezz ghall-bastiment de quo, il-Bank rikorrent ha diversi passi sabiex l-bastiment intimat jinbiegh ghall-ahjar prezz possibbli: vide l-affidavit maghmul minn rapprezentant tal-istess bank, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dokument B'. Il-Bank rikorrent irnexxielu, nonostante s-suq hazin tal-lum, jikkonkludi mas-socjeta Olandiza BV Finnanten Parkgracht (hawn fuq imsemmija) il-bejgh tal-bastiment intimat ghall-prezz ta' disa' miljun ewro u tlett mitt elf (€9,300,000) illi huwa oghla mill-"lower end" u fil-parametri tal-istimi li ghandu l-bank rikorrent. Ghalhekk, qed jigi sottomess li l-prezz ta' disa' miljun ewro u tlett mitt elf (€9,300,000) huwa ragonevoli u attrajenti ferm fic-cirkostanzi u kwindi, huwa fl-interess ta' kulhadd, inkluz il-kredituri l-ohra, illi din l-oppotunita ma tintilifx;

13. Illi ghalhekk fit-13 ta' Mejju 2019 intlahaq ftehim ossija Agreement of the Court Approved Sale of the Vessel HHL Rio de Janeiro bejn il-bank rikkorent u l-istess socjeta olandi BV Finnanten Parkgracht (hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument G' animo litirandi) fejn is-socjeta estera BV Firnzanten Parkgracht intrabtet li tixtri l-bastiment de quo ghas-somma ta' disa' miljun ewro u tlett mitt elf (€9,300,000) taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim, inkluz l-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista' jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' Artikolu 358 et seq;

14. Illi skont l-istess Agreement of the Court Approved Sale of the Vessel HHL Rio de Janeiro, il-partijiet ftehmu illi l-avukat Dott. GEORGE SAID detentur tal-Karta ta' Identita' Numru 165577(M) jigi pproponut lil dina l-Onorabbli Qorti ghall-finjiet ta' Artikoli 362 u 363 tal-Kap.12 bhala l-persuna li tkun intitolata titrasferixxi l-bastiment skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, daqslikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz indikat fl-istess Agreement of the Court Approved Sale of the Vessel HHL Rio de Janeiro fil-Qorti fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizat;

15. Illi ai termini tal-Artikolu 359 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kredituri illi jaf bihom I-esponent nomine;

Ghaldaqstant I-esponent nominee jitlob riverentament lill dina I-Onorabbli Qorti sabiex:

I. Tiddeciedi u tapprova ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bejgh tal-bastiment intimat I-HHL RIO DE JANEIRO (IMO 9424546) lis-socjeta Olandiza BV Firnzanten Parkgracht ghas-somma ta' disa' miljun ewro u tlett mitt elf (€9,300,000) u dan skont it-termini u I-kundizzjonijiet stipulati fl-Agreement Agreement of the Court Approved Sale of the Vessel HHL Rio de Janeiro datat 13 ta' Mejju 2019;

II. Tiddeciedi u tordna illi I-Avukat Dottor GEORGE SAID, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 165577(M), jigi mahtur bhala I-persuna nominata ai termini tal-Artikolu 362 et seq. tal-Kap. 12 sabiex allura I-istess Av. Dott. Said jitrasferixxi, daqslikieku kien hu s-sid, il-bastiment intimat HHL RIO DE JANEIRO (IMO 9424546) lis-socjeta kompratrici BV Firmanten Parkgracht u dan taht dawk provedimenti u kundizzjonijiet illi dina I-Qorti jidhrilha xierqa u, fin-nuqqas, tahtar minflok I-istess Av. Dott. Said persuna ohra ghall-istess finijiet;

III. Tordna u tawtorizza li I-'Bill of Sale' relattiv favur lis-socjeta BV Firnzanten Parkgracht jinhareg in triplikat, bi tliet dokumenti originali identici, li jigu kkonsenjati lis-socjet' kompratrici BV Finnanten Parkgracht malli I-prezz miftiehem jigi mhallas;

IV. Tiddeciedi u tikkonferma illi, kif inhu provdut fl-artikolu 364 tal-Kap. 12, il-bejgh tal-bastiment intimat, kif ordnat u awtorizzat minn dina I-Onorabbli Qorti, lis-sotjeta kompratrici BV Firnzanten Parkgracht jaghti lill-istess socjeta kompratrici titolu li "ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz" u kwindi minghajr l-ebda dejn fuq I-istess bastiment li allura qed jigi akkwistat mis-socjeta komptratrici "free from encumbrances";

V. Tiddeciedi u tikkonferma illi, kif inhu provdut fl-istess artikolu 364, wara I-biegh tal-bastiment de quo, id-drittijiet tal-bank rikorrent 'qua' mortgagee jghaddu ghal fuq ir-rikavat tal-biegh u b'hekk, il-kancellament tal-mortgages minn fuq il-bastiment intimat (li huwa mehtieg sabiex is-socjeta kompratrici tkun tista' takkwista titolu fl-istess bastiment free from encumbrances) mhuwiex sejjer bl-ebda mod jippregudika d-dritt illi jgawdi I-bank rikorrent bhala mortgagee u d-dejn dovut lilu jibqa' pregradwat ai termini taI-art. 54A(3) tal-Kap. 234.

Rat li d-difensur tal-kreditur Hansa Heavy Lift UG (haftungsbeschränkt) & Co. KG MS "HHL Rio de Janeiro" tal-vapur ma jopponix ghal bejgh mitlub basta li l-kreditu jigi kawtelat kif jidher li hu mitlub fir-rikors promotur;

Rat li d-difensur tal-kompratur prospettiv irrimetta ruhu;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn dejn dovut mis-socjeta Hansa Heavy Lift UG (haftungsbeschränkt) & Co. KG MS "HHL Rio de Janeiro" kawtelat permezz ta' zewg mortgages cioe ipoteki navali irregistrati a favur il-bank rikorrent fuq il-bastiment intimat bin-numru ta' registrazzjoni IMO9424546, proprjeta tal-istess socjeta, liema ipoteki huma awtentikati mir-registru tal-bastimenti datata 8 ta’ Mejju 2019. Il-kreditu jirrizulta mill-loan agreement datat 20 ta’ Frar 2007 u sussegwenti kuntratti addizzjonali.

Il-bastiment intimat u s-socjeta proprjeta tieghu ghalkemm interpellati xorta baqghu inadempjenti.

B’ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar 2019 notifikata lil bastiment u s-sid tieghu, il-bank interpella lil bastiment u lis-sid il-bastiment, is-socjeta Hansa Heavy Lift UG (haftungsbeschränkt) & Co. KG MS "HHL Rio de Janeiro", biex jithallas l-ammont dovut izda baqa’ inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 u l-artikolu 42 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta’ ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma’ esekuzzjoni ta’ ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti u intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 u li bl-ittra ufficjali fuq imsemmija rrenda t-titolu ezegwibbli.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur "HHL Rio de Janeiro" proprjeta tas-socjeta debitrici Hansa Heavy Lift UG (haftungsbeschränkt) & Co. KG MS "HHL Rio de Janeiro" b’mod privat cioe mhux b’subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipendenti tal-valur tal-vapur cioe Toepfer Transport GMBH; tal-Ing. Sergey Kuzmenko; kif ukoll ftehim preliminari datat 13 ta’ Mejju 2019 bejn il-Bank rikorrent u x-xerrej is-socjeta Olandiza BV Finnanten Parkgracht u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta’ bejn disa' miljun seba' mija u hamsin elf dollaru Amerikani (USD$9,750,000) u ghaxar miljun seba' mija u hamsin elf dollaru Ammerikan (USD$10,750,000) (circa bejn tmien miljun seba' mitt elf ewro (€8,700,000) u disa' miljun sitt mitt elf ewro (€9,600,000) bir-rata ta' skambju tal-lum); it-tieni stima hi ta' bejn tmien miljun hames mitt elf ewro (€8,500,000) u disa' miljun erba' mitt elf ewro (€9,400,000); u socjeta Olandiza BV Finnanten Parkgracht lesta thallas is-somma ta' disa' miljun tlett mitt elf ewro (€9,300,000).

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta Olandiza BV Finnanten Parkgracht li lesta thallas is-somma ta' disa' miljun tlett mitt elf ewro (€9,300,000) skont l-Agreement tat-13 ta’ Mejju 2019. Din l-offerta tidhol sew bejn l-inqas u l-akbar stima indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija (ara Dok. B a fol. 13 tal-process) u l-uzu limitat ta’ tali vapuri tat-tip ’heavy lift’. Gew maghmula offerti fuq inizjattiva tal-bank kreditur li pero huma inqas mill-offerta soggetta ghal Memorandum of Agreement (ara affidavit ta’ Tobias Palm, ufficjal fit-taqsima Ship Asset Trading Department tal-bank kreditur). Il-Qorti tqis ukoll illi iktar ma jdum wieqaf il-vapur, aktar jista’ tigrilu hsara u l-ispejjez ikomplu jikbru.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal-Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment "HHL Rio de Janeiro" IMO 9424546 lis-socjeta Olandiza BV Finnanten Parkgracht bil-prezz ta' disa' miljun tlett mitt elf ewro (€9,300,000) skont it-

termini u kondizzjonijiet stipulati fl-Agreement datat 13 ta' Mejju 2019, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil Avukat Dottor George Said sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fl-Agreement tat-13 ta' Mejju 2019 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur